Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Ammissjoni Nru: 16/2014

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Daniele Paternò

Illum 25 ta' Frar, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-akkuzat Daniele Paternò, detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AR 5716263 akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer nhar it-2 ta' Dicembru, 2014 u fil-granet ta' qabel din id-data:

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (Cannabis Resin), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni;
b) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjoniiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap

101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cikrostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Il-Qorti giet mitlbua sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati tal-4 ta' Dicembru, 2014 fejn l-akkuzat Daniele Paternò ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 2014 fejn iddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputazzjonijiet kif adebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Daniele Paternò, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Dicembru 2015 fejn iddikjaraw illi qablu ai termini tal-artikoli 392B(5)(a) tal-Kodici Kriminali u talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi il-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-akkuzat Daniele Paterno minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva ghal perijodu ta' tlett (3) snin flimkien ma' multa ta' tlett elef ewro (€3000), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kaptitolu 9 u Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-4 ta' Dicembru, 2014, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, tiddikjara lil Daniele Paternò hati talli fit-2 ta' Dicembru, 2014 u fil-granet ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer:

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (Cannabis Resin), jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni;
b) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Cannabis Resin) f'Malta.
c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, liema droga nstabet f'tali cikrostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Ikkunsidrat,

Illi il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija fasslu il-linji gwida li il-Qorti ghandha issegwi liema linji gwida huma indikati fid-decizjonijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi inoltre fil-kaz in dizamina il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi apparti l-ammissjoni irregistrata mill-akkuzat. Illi b'mod ewlieni ghandu jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' droga li instbet fil-pussess ta'l-akkuzat ma kenitx wahda ezorbitanti izda kienet ta' 291 grammi rezina tal-cannabis b'purita ta' 8%. Illi bl-emendi il-godda li gew introdotti recentement ghall-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jinsab dispost hekk u dan fl-artikolu 22(2B) u cioe'

**"Meta, wara li persuna tkun instabet ħatja mill-Qorti Kriminali kif previst fis-subartikolu (2)(*a*) wara li tkun ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u n-natura tad-droga involuta, il-karattru tal-persuna kkonċernata, in-**

**numru u n-natura ta' kwalunkwe kundanni preċedenti, inkluż kundanni li għalihom saret ordni taħt l-Att dwar il-*Probation* u d-dispożizzjonijiet tar-Raba' Skeda, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena prevista fis-subartikolu (2)(*a*) hija sproporzjonata tista', billi tagħti raġunijiet, tapplika l-piena prevista fis-subartikolu (2)(*b*)."**

Dan qed jinghad 'il ghaliex il-piena li dwarha sar l-patteggjament bejn l-imputat u l-Avukat Generali hija inqas mill-minimu preskritti mill-ligi ta' erba' snin prigunerija. Meta l-persuna akkuzata tigi iggudikata minn din il-Qorti. Izda il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz jissussistu c-cirkostanzi kollha idonji indikati fid-disposizzjoni tal-ligi hawn fuq iccitata sabiex hija tkun tista' taderixxi mal ftehim milhuq bejn il-partijiet fir-rigward tal-piena. Dan ghaliex l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, kif inghad, ma ghandux precedenti penali, iddikjara quddiem il-Qorti illi iddispjacieh ghall-akkadut u li parti mill-ammont tad-droga li instabet fill-pussess tieghu kienet ghall-uzu personali tieghu, oltre ghal fatt kif diga inghad illi l-ammont tad-droga li instabet ma kienx konsiderevoli. Illi l-Qorti ghalhekk ma tistax ma izzomx quddiem ghajnejha l-linji gwida stabbiliti fir-raba skeda ghal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu direzzjoni lil Qorti illi:

**"L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:**
***cannabis* (qanneb indjan): anqas minn 300 gramma."**

Illi dan ma jistax hlief ifisser illi l-ammont li instab fil-pussess ta'l-akkuzat kien jikkwalifikah sabiex jigi iggudikat mill-Qorti inferjuri u mhux minn din il-Qorti b'piena allura ferm inqas fejn il-minimu preskritt huwa dak ta' sitt xhur prigunerija. Kwindi hija il-fehma ta' din il-Qorti illi l-piena indikata mill-partijiet taqa' fil-parametri tal-ligi u dan bis-setgha lilha moghtija bl-artikolu 22(2B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Daniele Paternò għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 8(a)(b)(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1B)(2)(b)(i)(2B)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

ir-Regolamenti 4, 4(a), 8 and 9 tal-Legislazzjoni sussidjarja 101.02 (L.N. 292/1939) u l-artikoli 17(h), 18, 20, 22, 23 and 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lil hati Daniele Paternò ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tlett (3) snin flimkien ma' multa ta' tlett elef ewro (€3000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' sitta u tmenin (86) gurnata prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas s-somma ta' mija u hamsa u tmenin ewro u tmien centezmi (€185.08), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Inoltre jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur